**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-31 t'Awwissu 2023**

**Rikors Numru : 172/2023 JPG**
**Kawza Numru : 28**

**AC**
**Vs**
**EC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Anton Cutajar datat 27 ta' Marzu 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrent izzewweg lill-intimata nhar il-hmistax t'Awwissu tas-sena elf disa' mija, tmienja u disghin (15.08.1998);*

2. *Illi huma ghandhom zeewgt (2) itfal li huma lkoll maggorenni;*

3. *Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono nhar it-tmienja ta' April tas-sena elfejn u erbatax (08.04.2014) b'insinwa numru sita sebgha tnejn sitta zbarra erbatax (6267/14) anness u mmarkat Dok B;*

4. *Illi l-esponenti irrinunzja mid-dritt li jitlob u jottjeni manteniment minghand l-intimata, filwaqt li obbliga ruhu li jivversa manteniment kull xahar ghal perjodu ta' sena mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom lil martu, liema manteniment thallas fl-intier tieghu u ghalhekk m'hemm ebda pendenzi f'dan ir-rigward, filwaqt li l-manteniment dovut ghall-ulied waqaf li stante li huma maggorenni u mhux fi studji terzjarji, ghalhekk ma hemm ebda pendenzi f'dan ir-rigward;*

5. *Illi llum m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu tal-Kapitolu 16 ta'Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joaghgobha timmponi, huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi permezz ta' affissjoni u pubblikazzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimata (Vide Fol 41) li taqra hekk.

1. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 2011 u huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 8 ta' April 2014 pubblikat fl-*atti tan-Nutar *Joseph Debono;*

2. *Illi l-partijiet ghandhom zewgt ittfal KC li twieldet f'X u CE li twieldet f'Y, iz-zewgt itfal huma maggorenni u t-tnejn li huma jahdmu fuq bazi full-time;*

3. *Illi ebda' manteniment ma huwa dovut lil partijiet ghalihom personalment jew ghat-tfal taghhom u dan peress li prezentement it-tfal qed jahdmu fuq bazi full-time;*

4. *Illi ma hemm ebda' prospett ta' rikonciljazzjoni bejniethom;*

5. *Illi l-esponenti ma hijiex qed topponi ghal hall taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-20 ta' Gunju 2023 fejn il-partijiet kif assistiti ddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit Fol 4) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-15 t'Awwissu 1998 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illu maggiorenni. Iddikjara illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 8 t'April 2014 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostna illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (Vide affidavit Fol 44 et seq.) u kkorroborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu.***

***Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm***

***maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-15 t'Awwissu 1998, liema zwieg jgib certifikat numru 1456/1998 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 20). Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nhar it-8 t'April 2014 (vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1456/1998 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**